**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 23 ta' Mejju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**-vs-**

**Hamza Kamel El. Bakoush, detentur ta' passaport Libjan 483423.**

***Kumpilazzjoni Nru. 428/2014***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Hamza Kamel El. Bakoush u ċioè talli:

Nhar is-27 ta' April, 2014 f'xi ħin bejn it-tlieta ta' filgħodu u s-sitta ta' filgħodu (03:00Hrs u 06:00Hrs), f'San Ġiljan u f'dawn il-Gżejjer;

1) Volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni NER-007 għad-dannu ta' Joseph Scerri u terzi oħra, liema ħsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), iżda hi aktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GAK-843 għad-

dannu ta' Katrina Racheal Mumford u terzi oħra, liema ħsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), iżda aktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAF-678 għad-dannu ta' David Attard u terzi oħra, liema ħsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), iżda aktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċentezmu (€116.47) u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) Kif ukoll talli ikkometta serq ta' portmoni bi flus kontanti, dokumenti u oġġetti oħra u nuċċali tax-xemx tal-marka 'Marc Jacobs' minn ġewwa l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni NER-007, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċediex l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Maria Scerri u/jew ta' persuna/i oħra;

5) Kif ukoll talli kkometta serq ta' mobile phone tal-għamla Samsung S4 Mini, kamera tar-ritratti tal-għamla FUJI u dokumenti u oġġetti oħra minn ġewwa l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAF-678, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċediex l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' David Scerri u/jew ta' persuna/i oħra; u

6) Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur globali jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċediex l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi **Katrina Rachel Mountford** xehdet li fis-27 t'April, 2014, ghall-habta tal-4-4:30am kienet sabet il-hgiega ta' wara tal-vettura Chrysler li kienet kriet mkissra. Hi kienet ipparkjat vicin Hugo's Terrace, f'Paceville u meta rritornat fil-karrozza taghha sabet jumper fuq id-driver's seat. Tghid li hekk kif kienet l-Ghassa u tat il-jumper lill-pulizija, l-imputat li kien prezenti, qabad u libsu.[1] Giet esebita stima ta' hsaarat fuq il-vettura GAK843 fl-ammont ta' €200.[2]

Illi **Maria Scerri** xehdet li fis-27 t'April, 2014, xi hadd kien dahhliha fil-vettura taghha, Peugot 206 bin-numru NER-007, u hadilha nuccali tax-xemx li kien jiswa xi €300 u wallet li kien fih mal-€100. Irrakontat kif fil-hin li kienet l-Ghassa rat lill-pulizija ifittxu f'baskett ta' persuna fejn hi kienet gharrfet in-nuccali li kienet sabet nieqes ftit qabel.[3]

Illi **David Attard** xehed kif kien gie nfurmat mill-Pulizija li persuna nstabet fil-Pajero tieghu, LAF-678. Il-vettura kienet garbet diversi hsarat, li kif jikkonferma **Jeffrey Fenech**, il-hsarat fuq il-Pajero, LAF-678, kienu gew stmati li jammontaw ghal €837.80c.[4] Attard ikompli li kien anke insteraqlu basket li kellu diversi credit notes, camera u xi €22. Kif mar l-Ghassa kienu tawh lura dawn l-oggetti li kienu nstabu fuq l-imputat.[5]

Illi **Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta xehdet li l-vettura NER-007 (Peugot 206) kienet tappartjeni lil Joseph Scerri, GAK-843 (Chevrolet Aveo) lil Joseph Refalo ghal Auto Rentals Company Ltd u LAF-678 (Mitsubishi Pajero) lil David Attard Jackson.[6]

Illi **PS705 Terry James Mallia** kkonferma l-Current Incident Report[7] li kien sar wara rapport minn David Attard li persuna/i mhux maghrufa kien/u sgassaw il-vettura tieghu, Pajero, li

[1] Fol.31-33
[2] Fol.70
[3] Fol.86-87
[4] Fol.81 et seq. Originali tal-istima esebita a. fol.47A
[5] Fol.90
[6] Fol.38 et seq.
[7] Fol.10 et seq. Ukoll fol.48- Dok. DB3

kienet thalliet ipparkjata fil-parking tal-Axis, Triq San Gorg, San Giljan (Paceville). Attard kien anke sab xi affarijiet misruqin, liema affarijiet sussegwentement instabu fuq il-persuna tal-imputat. L-isgass kien sar billi giet miksura l-hgiega tal-bieba tax-xufier kif ukoll kien hemm marki ta' ghodda fuq il-bieba u fuq is-serratira taghha.

Illi **PC1390 Antoine Muscat** kkonferma l-**Current Incident Report**[8] li sar wara rapport maghmul minn Maria Scerri li persuna/i mhux maghrufa kien/u kisser/ru l-hgiega tal-bieba tal-passigier il-vettura u ha/du diversi oggetti li kellha fil-vettura.[9] Din il-vettura ukoll kienet ipparkjata fl-Axis Parking f' Triq San Gorg, Paceville. Pulizija ohra kienu marru fuq il-post u <u>sabu lill-imputat b'oggetti li rrizultaw kienu nsterqu minn vetturi ohra</u> li wkoll kienu pparkjati fl-istess akwata. Fil-hin li kien qed jiehu r-rapport ta' Scerri iddahhal l-imputat b'baskett li kien fih, inter alia, nuccali li kien insteraq lil Maria Scerri.[10]

Illi **PS430 Andrew St. John** xehed kif flimkien ma xi ufficjali tal-Pulizija ohra kienu issejhu minn bouncers tal-kumpless tal-Axis peress li kienu zammew lill-imputat wara li rawh ikisser vettura. Hu kien ha lill-imputat l-ghassa u waqt li kienet qed issir tfittxija fil-basket li kellu mieghu kien hemm persuna qed taghmel rapport (fuq serqa) li indunat li fost oggetti ohra li kellhu fil-basket kien hemm nuccali li kien insterqilha mill-vettura taghha. Jikkonferma li kien hemm diversi vetturi li kienu nsterqu oggetti minn go fihom bl-istess *modus operandi.*[11]

Illi **PC1200 Keith Tufigno** spjega kif waqt *patrol* f'Paceville kienu <u>lemhu lill-imputat f'vettura li kienet tkissritilha l-hgiega u fejn anke kien hemm gebla</u>.[12] <u>Kienet sarittlu tfittxija minn fejn instabu camera, mobile u nuccali tax-xemx fuqu</u>. Kien irrizulta li tlett karrozzi kienu sfaw mkissra f'dak il-lejl.[13] **PC1469 Emerson Borg** kkonferma li meta kellmu lill-imputat hekk kif instab go vettura Peugot bil-hgieg mkisser, kien qalilhom li kien iggieled mat-tfajla u hareg jistenniha. Kien anke qal li peress li ma kellhux cwievet tal-karozza qabad u kisser il-hgiega u qaghad

---

[8] Dok. DB4 a fol.57 et seq
[9] Fol.54
[10] Fol.55
[11] Fol.66
[12] Fol.72
[13] Fol.72

jistenniha hemm. Bouncers tal-istabbiliment Clique nfurmaw lill-pulizija li l-imputat kien ta' sikwiet jaqla' problemi. Kien gie deciz issirlu tfittxija sabiex jigi maghruf jekk kienx qed jipprova jisraq il-vettura li nstab fiha u hemm instabu diversi oggetti fuqu fosthom camera li rrizulta ma kien fiha ebda ritratt li kien jidher fih l-imputat.[14] **PC1520 Joseph Grech** kkonferma xxhieda moghtija mill-kollegi tieghu.[15]

Illi **PC1045 Noel Carabott** xehed kif Katrina Mountford kienet ghamlet rapport li l-vettura taghha kienet giet mkissra u ghalkemm ma sabet xejn isruq minnha sabet gakketta li wara rrizulta li kienet tal-imputat.[16]

Illi l-Qorti ezaminat l-istqarrija tal-imputat li giet rilaxxata wara li kien ha parir legali. Fiha l-imputat kien qal li hu kien rieqed go vettura li kien hasibha tappartjeni lil habib tieghu u kien fil-hin li stenbah u mar jiccekja n-numru ta' registrazzjoni taghha, li kien gie mwaqqaf mill-pulizija. Jibqa ma jsemmiex l-isem ta' dan il-habib! Izid li l-jumper li saret riferenza ghalih kien tah lill-habib tieghu ghax kien qed ihoss il-bard u ma jafx x'ghamel bih. Lanqas hawn ma jaghti dettalji dwar dan il-habib jew fejn kienu meta tah il-flokk! Ghalkemm jghid li kien l-istess habib li ha l-baskett li fih instabu l-oggetti misruqa, ma jaghti ebda spjegazzjoni dwar ghaliex dan baqa' fil-pussess tieghu![17]Jigi nutat li din id-darba ma jsemmix lit-tfajla kif allega ma PC1469!

Jirrizulta ghalhekk li **l-imputat instab gol-vettura Pajero; fil-vettura GAK-843 instabet gakketta li kienet tieghu; fil-pussess tieghu instabu oggetti li kienu ttiehdu kemm mill-Pajero ta' Attard kemm mill-Peugot ta' Scerri**.

Illi mill-atti processwali l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi s-sitt akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghar-reat ta' serq ipprospettat fir-raba u l-hames imputazzjonijiet u ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

[14] Fol.75
[15] Fol.77-78
[16] Fol.79
[17] Fol.8

In kwantu ghal piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitat bihom l-imputat, tal-fedina penali li kienet ghada wahda netta fiz-zmien tar-reati li qed tinstab htija dwarhom u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 261(c)(f)(g), 267, 270, 271, 279(a) 280(1) u 325(1)(b)[18] tal-Kodici Kriminali, ssib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha u tikkundannah ghal 30 xahar prigunerija.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[18] Qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014, ir-reati prospettati bl-artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali.